MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Numru 590/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR VICTOR AQUILINA**

**VS**

**ALSTON ABDILLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alston Abdilla, ta' 19-il sena, bin Paul u Mary nee' Aquilina, residenti fil-fond Darmar, Flat 2, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' 527 384 (M);

Akkuzat talli:

1. Nhar is-6 ta' Gunju, ghall-habta tal-4.20pm, waqt li kien fi Triq Dun Filippu Borg, f'Birkirkara, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAL 382 tal-

ghamla *Volvo*, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Paul Galea, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 305 052 (M), hekk kif iccertifika Dr Kevin Zammit MD, tal-Isptar San Luqa;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal Silvio Xuereb, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 45777 (M), bi strument li jaqta' jew iniggez u cioe' sikkina, u kkagunalu feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr Gabriel Schembri, detentur tan-numru tar-registrazzjoni 2767 tal-Isptar San Luqa;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu l-imsemmija arma bil-ponta regolari jew irregolari u cioe' sikkina, fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu, barra minn fond jew post li jaghmel mieghu kif ukoll zamm u garr l-istess arma minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjamet kiser il-bon ordni u l-paci pubbika b'ghajjat u glied;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz;

6. U aktar talli b'hekk jitqies recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li saret definittiva, datata 31 ta' Mejju, 2003;

7. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, datata 31 ta' Mejju, 2003.

Wara li rat l-Artikoli 226(1)a, 221(2), 338(DD), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 13(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 15(1)a, u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fuq l-ewwel akkuza, fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Rat li l-*parte civile* kienu ttransigew il-pendenzi kollha taghhom mal-imputat, u ma kellhomx aktar interess f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi qiegheda ssib lill-imsemmi Alston Abdilla hati tal- ewwel akkuza kif dedotta kontrieh u tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija ghal zmien xahrejn (2) sospizi ghal sena (1), *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li jsir hlas fl-ammont ta' Lm300.00 lil Pawlu Galea, fi zmien sitt (6) xhur, *ai termini* tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma ssibux hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuza u ghaldaqstant tilliberah minnhom;

Din il-Qorti qiegheda ssib lill-istess Alston Abdilla hati wkoll tas-sitt u s-seba' akkuza ta' ksur ta' Probation u tikkundannah ghal hlus ta' multa fl-ammont ta' Lm50.00 (hamsin lira maltin), li hija pagabbli fi zmien hames (5) xhur mil-lum;

Tordna wkoll konfiska tal-arma.

Il-Qorti spjegat il-portata sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------